MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-21 ta' Diċembru 2015

Mandat Numru: 1869/2015/1

**Mateja Camilleri (ID 324987M) u Daniel Camilleri (ID 171886M)**

**vs.**

**Daphne Palmer Morewood**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' **Mateja Camilleri** u **Daniel Camilleri** (minn issa "ir-rikorrenti") għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2015, fejn għar-raġunijiet imsemmija ġie mitlub dan li ġej:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu l-intimata milli tkompli ittella' ħajt li jinstab fil-proprjetà tal-partijiet u jaqsam l-istess proprjetajiet.*

*Illi sa jiġu preġudikati irrimedjabilment jekk l-intimata ma tiġix inibita kif ingħad u dan peress illi l-esponenti huma proprjetarji ta' fond dar Nr. 4, f'Wardija Road, Burmarrad bis-saħħa tal-kuntratt datat 26 ta' Ġunju, 2014 fl-atti tan-Nutar Daniela Chetcuti.*

*Illi parti minn din il-proprjetà hemm ħajt ta' madwar għaxar filati li nbena fl-erbgħinijiet (40's).*

*Illi l-intimata hija proprjetarja tal-fond kontigwu mal-fond tal-esponenti.*

*Illi riċentement l-intimata ottjeniet permess biex iżżid il-ħajt b'għaxar filati oħra u dan mingħajr ma infurmat lill-esponenti, kif kellha dover li tagħmel skont il-liġi.*

*Illi jekk fil-fatt jittella' l-ħajt inkwistjoni oltre l-ħmistax il-filata se jiġu rekati danni indiġenti (sic) u irrimedjabbli lill-istess proprjetà tal-esponenti u dan bi preġudizzju irrimedjabbli lill-istess esponenti u l-godiment da parti tal-istess esponenti.*

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2015 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet it-talba provviżorjament, irriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2015.

Rat ir-risposta tal-intimata **Daphne Palmer Morewood** (minn issa 'il quddiem "l-intimata") li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 2015 fejn għar-raġunijiet imsemmija eċċepiet:

*1. Illi r-rekwiżiti tal-liġi sabiex jiġi milqugħ il-mandat de quo ma ġewx sodisfatti u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess mandat u tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru 2015;*

*2. Illi, kif ippronunzjaw ruħhom diversi drabi l-Qrati tagħna, il-liġi tippreskrivi żewġ elementi li għandhom jissussistu ad validitatem sabiex jintlaqa' mandat ta' inibizzjoni. Dawn huma:*

*a. Id-dritt tar-rikorrent li prima facie jeżisti;*
*b. Il-bżonn tal-ħruġ tal-mandat sabiex jiġi evitat preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent tad-drittijiet tiegħu, u li dan jirriżulta b'mod prima facie;*

*(ara fost oħrajn "Connie Galea et vs. Joseph Gauci", Qorti tal-Appell, 7/10/1997; "Salvino Testaferrata Moroni Viani vs. Is-soċjetà Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani et", Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 3/11/1997; "Borg Grech vs Gasan et noe", Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 2/01/1999);*

*3. Illi r-rikorrenti, fir-rikors tagħhom li ġie ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 2015, ma pprovdewx ebda forma ta' provi dokumentarji biex jissustanzjaw t-talba jew l-allegazzjonijiet tagħhom, kemm dwar l-allegat dritt tar-rikorrenti, kif ukoll li l-ħruġ ta' dan il-mandat huwa allegatament neċessarju sabiex tali allegati drittijiet tar-rikorrenti ma jiġux "preġudikat(i)*

*<u>irremidjabbilment</u>". L-eżistenza prima facie ta' dritt huwa essenzjali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;*

*4. Illi, anzi, bil-ġurament tagħhom stess, ir-rikorrenti jgħidu illi l-ħajt diviżorju ta' bejn il-proprjetajiet tal-partijiet huwa fil-fatt, fl-agħar ipotesi, komuni. Fi kliemhom, "il-ħajt (li) jinstab fil-proprjetà tal-partijiet u (li) jaqsam l-istess proprjetajiet'";*

*5. Illi, ma hemmx dubju, jew lanqas allegazzjonijiet mod ieħor, li l-esponenti hija l-proprjetarja leġittima tal-fond - 2, Wardija Road, Burmarrad (kopja tal-att ta' akkwsit tal-15 ta' Novembru 1983 hija mmarkata bħala "Dok. A");*

*6. Illi, dan l-Att Notarili, li kien ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku fid-29 ta' Novembru 1983, jgħid b'mod ċar illi, in virtù ta' dan il-kuntratt, l-esponenti xtrat "the house situate (sic.) at Burmarrad, Wardija Hill also known as Wardija Road, number two (2) <u>together with its adjoining walled-in gardens</u> measuring approximately seven hundred and fifty square meters (750m$^2$)" (sottolinear miżjud) (ara pġ 2. ta' "Dok. A");*

*7. Illi, il-Perit u Inġinier Ċivili Martin Xuereb jikkonferma fl-affidavit tiegħu ("Dok. B") illi, żgur (mill-anqas) mis-sena 1983, il-ħajt li hu msemmi f'dan l-Att Notarili kien jaqsam il-proprjetà tal-esponenti mill-proprjetajiet oħra ta' madwarha, inkluż il-proprjetà li preżentament hi f'idejn ir-rikorrenti;*

*8. Illi, huwa inkonċepibbli kif issa, fejn dan qatt ma ġie allegat minn ħaddieħor qabel, u ċioè la l-ġirien l-oħra, la l-awtur fit-titolu tar-rikorrenti, u lanqas ir-rikorrenti stess, ir-rikorrenti jiġu jagħmlu stqarrija jew pretenzjoni li għandhom xi drittijiet fuq il-ħajt li*

*għandhom iżommu lill-esponenti milli żżid l-għoli tal-istess ħajt skont permess miġjub minnha mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dan sabiex ma tiġix mittiefsa l-privatezza tagħha li qed tiġi preġudikata mix-xogħlijiet ta' żvilupp li qed jagħmlu r-rikorrenti fuq il-proprjetà tagħhom;*

*9. Illi ma jistax ma jingħadx f'dan il-kuntest li r-rikorrenti verament ma għandhomx sens ta' pudur f'li, flok jirringrazzjaw lill-esponenti talli ċeditilhom li jersqu viċin il-ħajt diviżorju aktar milli kellhom id-dritt li jagħmlu, issa qed jittentaw iċaħduha mill-privatezza tagħha li ilha tgawdi għal dawn l-aħħar tletin sena u fuqhom, u iċaħduha mid-drittijiet tagħha naxxenti mil-liġi kif ser jiġi spjegat hawn taħt;*

*10. Illi l-buona fede tal-esponenti tirriżulta b'mod mill-aktar ċar minn dak li jgħid il-Perit u Inġinier Ċivili Martin Xuereb fir-rigward tal-awtorizzazzjoni li l-esponenti tat lir-rikorrenti;*

*11. Illi jibda biex jingħad illi m'huwiex possibbli li wieħed jiddetermina mill-mandat stess, l-allegat dritt illi r-rikorrenti qed jallegaw illi għandhom. Biss, wieħed jista' jasal biex jiddeduċi illi r-rikorrenti qed jallegaw xi forma ta' titolu fuq il-ħajt, kuntrarjament għal dak li jgħidu fl-ewwel paragrafu tal-istess mandat fejn jgħidu li "il-ħajt (li) jinstab fil-proprjetà tal-partijiet." Jekk mhux hekk, ċertament illi lanqas biss jistgħu jibdew jallegaw li għandhom dritt iwaqqfu lill-esponenti mix-xogħijiet li qed tagħmel;*

*12. Illi ma hemm xejn li juri li r-rikorrenti jistgħu jkollhom xi forma ta' raġun f'dak li qed jgħidu. Anzi kuntrarjament, kollox jindika l-oppost;*

*13. Illi jekk wieħed joqgħod biss fuq il-loġika, huwa proprju mhux verosimili illi ħajt li jdawwar ġnien sħih minn kull naħa ikun mibni fuq il-proprjetajiet tat-terzi. Il-ħajt jirriżulta li nbena f'daqqa madwar il-ġnien kollu u l-preżunzjoni, anke legali, hija li dan ikun nbena, jew fuq il-proprjetà tal-intimata, jew inkella fuq il-perimetru ta' bejn il-proprjetajiet kontigwi;*

*14. Illi, l-ħajt diviżorju li hu s-suġġett ta' dan il-mandat (ritratti ta' liema annessi fl-affidavit tal-Perit u Inġinier Ċivili Martin Xuereb, "Dok. B"), u liema ħajt diviżorju jaqsam il-proprjetà tal-esponenti mill-proprjetà tar-rikorrenti għandu, ai termini tal-Artikolu 409(1) u/jew l-Artikolu 410 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġi meqjus minn din l-Onorabbli Qorti bħala ħajt komuni bejn l-esponenti u r-rikorrenti;*

*15. Illi, dawn id-dispożizzjonijiet legali jemfasiżżaw illi ħajt diviżorju li jservi biex "jaqsam bini minn bini ieħor" jew biex "jaqsam…ġonna" għandu "<u>jitqies</u>" bħala ħajt komuni bejn il-proprjetarji rispettivi tal-fondijiet, u li din il-preżunzjoni legali għandha tiġi milqugħa "jekk ma jkunx hemm sinjal jew prova oħra li juru l-kuntrarju";*

*16. Illi, r-rikorrenti f'ebda stadju, anke qabel ma nfetħu l-proċeduri odjerni, ma pprovdew xi dokument li juri l-kuntrarju, u ċioè li l-istess rikorrenti huma l-proprjetarji assoluti ta' dan il-ħajt diviżorju;*

*17. Illi, inoltre, l-esponenti tissottometti wkoll illi l-Artikolu 407 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi "l-ħajt li qiegħed biex jaqsam bini minn bini ieħor, jew bini minn fond ta'*

*xorta oħra, għandu jkun ta' ħxuna ta' mhux anqas minn tmienja u tletin ċentimetru";*

*18. Illi, in vista ta' din id-dispożizzjoni legali, l-esponenti tixtieq terġa' tiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-affidavit tal-Perit u Inġinier Civili Martin Xuereb ("Dok. B"), fejn l-istess Martin Xuereb jikkonferma illi l-perit inkarigat mir-rikorrenti, kif ukoll ir-rikorrenti stess, ma kienux oġġezzjonaw illi kellhom bżonn il-permess tal-esponenti sabiex titnaqqas il-ħxuna ta' dan il-ħajt diviżorju, u qablu li joqogħdu mal-kundizzjonijiet li tat l-esponenti sabiex tagħti il-permess tagħha;*

*19. Illi, b'riżultat ta' dan, l-esponenti tissottometti li dawn l-azzjonijiet tar-rikorrenti, jindikaw b'mod ċar illi r-rikorrenti stess jikkunsidraw dan l-istess ħajt bħala ħajt komuni bejniethom u l-esponenti;*

*20. Għaldqastant, din l-Onorabbli Qorti għandha umilment tasal biex issib, żgur b'mod prima facie, li l-preżunzjoni stabbilita fl-Artikolu 409(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid "jekk ma jkunx hemm sinjal jew prova oħra li juru l-kuntrarju, il-ħajt li qiegħed biex jaqsam bini minn bini ieħor jitqies li huwa komuni sal-quċċata", jew, fl-alternattiva, Artikolu 410 tal-istess Kodiċi, li jgħid ukoll li "il-ħajt li qiegħed biex jaqsam…ġonna… jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta' sinjal jew ta' prova oħra li turi l-kuntrarju", tapplika fil-każ odjern u dan jimmilita favur l-istess esponenti;*

*21. Illi, jekk din l-Onorabbli Qorti taqbel illi, prima facie, l-esponenti hija komproprjetarja ta' dan il-ħajt diviżorju mar-rikorrenti, u liema ħajt diviżorju huwa s-suġġett ta' dan il-mandat, mela għandu japplika ukoll l-Artikolu 414(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili*

*(Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li "kull komproprjetarju jista' jgħolli l-ħajt komuni, iżda għandu jħallas l-ispejjeż meħtieġa - għat-titligħ tal-ħajt";*

*22. Inoltre, l-esponenti tinnota ukoll li l-Artikolu 414(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili b'ebda mod ma jintitola lir-rikorrenti, qua komproprjetarji ta' dan il-ħajt diviżorju, li jimponu kundizzjonijiet fuq ix-xogħlijiet li l-esponenti tixtieq twettaq fuq dan l-istess ħajt jew li jimponu għoli massimu oltre dawk li jirriżultaw mil-liġi;*

*23. Illi, f'dan ir-rispett, l-esponenti qiegħda hawn tissottometti lil din l-Onorabbli Qorti notifika bil-miktub tal-approvazzjoni li ġiet mibgħuta lill-esponenti mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fid-19 ta' Mejju, 2015 ("Dok. C") u, f'liema ittra, din l-istess Awtorità tilqa' l-applikazzjoni tal-esponenti sabiex il-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ proprjetajiet jiġi mgħolli sa limitu ta' għaxar filati;*

*24. Illi ix-xogħlijiet li sa issa saru min-naħa tal-esponenti ma laħqux il-massimu mpost mill-istess permess imsemmi u illi l-esponenti, naturalment, ser iżżomm miegħu jekk din l-Onorabbli Qorti ma żżommx il-mandat odjern in vigore;*

*25. Illi, inoltre, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tieħu konjizzjoni dwar il-fatt illi din in-notifika bil-miktub tal-approvazzjoni, ntbagħtet lill-esponenti fid-19 ta' Mejju 2015, ġiet maħruġa b'mod valida wara li l-istess esponenti għaddiet mill-proċess sħiħ ta' applikazzjoni, fejn l-esponenti ġiet awtorizzata illi ttella' l-għoli ta' dan il-ħajt diviżorju sa limitu ta' għaxar filati (kif stabbilit mid-"Dok. C");*

*26. Illi, b'riferenza għal dan il-permess, l-esponenti tissottometti wkoll illi r-rikorrenti kienu konxji li l-istess esponenti kellha intenzjoni sabiex tapplika lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal approvazzjoni neċessarja sabiex jitella' l-għoli tal-ħajt diviżorju;*

*27. Di più, l-esponenti tissottometti wkoll li r-rikorrenti kienu wkoll konxji li l-applikazzjoni li kienet mressqa mill-istess esponenti kienet ġiet approvata mill-Awtorità, u illi l-esponenti ġiet mogħtija permess validu biex teżegwixxi xogħlijiet sabiex jittella' l-għoli tal-ħajt diviżorju sa limitu ta' għaxar filati, kif ikkonfermat mill-messaġġi ta' 'SMS' li ġew mibgħuta bejn l-esponenti u r-rikorrenti Mateja Camilleri fit-2 ta' Diċembru, 2015 ("Dok. D");*

*28. Illi, minkejja li r-rikorrenti kienu ġew informati bl-applikazzjoni tal-esponenti r-rikorrenti qatt ma għamlu ebda oġġezzjonijiet lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jikkontestaw dan il-permess li din l-istess Awtorità ħarġet favur l-esponenti;*

*29. Illi, finalment huwa wisq ovvju li l-mandat m'huwiex meħtieġ biex jippreserva dritt li, jekk ma jinħariġx il-mandat, ser jiġi preġudikat irrimedjabbilment, kif trid il-liġi. Jekk jittella' l-ħajt u, eventwalment ikun hemm deċiżjoni favur it-teżi tar-rikorrenti, sempliċiment il-ħajt jiġi ridott għall-għoli tiegħu qabel ma saru dawn ix-xogħlijiet. Semmai, hija l-intimata li ser tiġi preġudikata fit-tgawdija tal-proprjetà tagħha u l-privatezza tagħha, jekk dan il-mandat jibqa' in vigore;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, u peress li ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti legali sabiex jinħareġ il-mandat odjern kif spjegat hawn fuq, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2015 fejn laqgħet proviżorjament it-talba għal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u tiċħad definittivament l-istess bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti u tal-intimata u tal-AIC Martin Xuereb.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Diċembru, 2015 fejn ir-Rikors tħalla għal digriet kamerali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12, li jgħid dan li ġej:

*"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju għall-jeddijiet pretiżi mill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat[1].

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrenti iridu juru li (i) il-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu ir-rikorrenti sejrin isofru preġudizzju irrimedjabbli u (ii) li huma jidhru li għandhom *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet pretiżi.[2] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandhom ir-rikorrenti iżda ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap. 12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[3]

---

[1] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

[2] Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[3] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**.

Barraminhekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[4] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrenti ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.[5]

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.[6]

Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-pretensjoni ta' jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk,

---

[4] App. Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).
[5] PA 2.1.1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe**.
[6] PA 11.3.2003 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et**.

bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[7]

Tqis li l-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.[8]

Tqis illi minn qari tar-rikors promotur ma jirriżultax b'mod ċar u preċiż liema eżattament huwa il-jedd pretiż li r-rikorrenti qegħdin ifittxu li jħarsu bit-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Huwa evidenti li permezz tat-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti jixtiequ jżommu l-intimata milli tkompli ittella' ħajt li jinstab fil-proprjetà tal-partijiet u jaqsam l-istess proprjetajiet.

Fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti jgħidu li ser jiġu preġudikati irrimedjabilment fil-godiment tagħhom u li ser isofru danni inġenti jekk l-intimata ma tiġix inibita kif ingħad. Madankollu ir-rikorrenti ma jispeċifikawx liema huma l-jeddijiet pretiżi li fuqhom *prima facie* qegħdin isejsu t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat.

[7] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph.**
[8] Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

Min-naħa tagħha l-intimata tirrileva fir-risposta tagħha illi m'huwiex possibbli li wieħed jiddetermina mir-rikors promotur l-allegat dritt illi r-rikorrenti qegħdin jivvantaw u jallegaw illi għandhom.

Tqis illi dan in-nuqqas min-naħa tar-rikorrenti li jispeċifikaw b'mod preċiż il-kawżali li fuq il-bażi tagħha huma qegħdin isejsu t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat, seta' kien ta' preġudizzju għall-intimata fid-difiża tagħha. Ir-rikors promotur la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett ma jagħmel riferiment għal dak li sussegwentement allegaw ir-rikorrenti meta xehdu *viva voce* waqt is-smigħ tar-Rikors, fejn allegaw li l-ħajt inkwistjoni kien jiflaħ għall-ħmistax-il filata li huma aċċettaw li jittellgħu, imma mhux għal għoxrin filata li trid ittella' l-intimata.

Fix-xhieda tagħha l-intimata **Daphne Morewood Palmer** (a fol. 55 tal-proċess) qalet bil-ġurament li kien proprju waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors li semgħet għall-ewwel darba b'din l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-ħajt kif inhu mibni ma jiflaħx għal għoxrin filata. Ir-rikorrenti **Mateja Camilleri u Daniel Camilleri** min-naħa tagħhom ukoll ikkonfermaw fix-xhieda tagħhom (a fol. 33 u a fol 41 tal-proċess) li lill-intimata qatt ma kienu qalulha li ma riduhiex ittella' għaxar filati fuq il-ħajt inkwistjoni għax kif inhu mibni ma jiflaħx għalihom.

Fir-Risposta tagħha l-intimata loġikament ibbażat id-difiża tagħha billi indirizzat u wieġbet għal dak li kienu qegħdin jallegaw ir-rikorrenti sa dak il-mument, u ċioè li l-ħajt inkwistjoni ma kienx wieħed komuni imma proprjetà

esklussiva tagħhom. Rinfaċċjati bl-argumenti legali li resqet l-intimata fir-Risposta tagħha, u meta l-parti miktuba ta' din il-proċedura kienet diġà konkluża, ir-rikorrenti waqt is-smigħ iddeċidew li jinvokaw pretensjonijiet għal kollox differenti bħala bażi għat-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat.

L-Artikolu 831(1) tal-Kap. 12 jipprovdi *inter alia* li:

> "(1) It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:
>
> (a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur;".[9]

Tqis illi fejn ir-raġunijiet għat-talba fir-rikors promotur ikunu ambigwi u mhux ċari biżżejjed tant li ma jkunux jippermettu lill-intimat/i jindirizzaw u jilqgħu kif imiss għat-talbiet rikorrenti fil-parti miktuba ta' din il-proċedura, din il-Qorti tqis dan bħala nuqqas gravi biżżejjed biex it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tkun ikkunsidrata bħala nulla u li għandha tkun miċħuda mingħajr il-ħtieġa tal-ebda konsiderazzjoni oħra.

Tqis  madankollu li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat għandha tfalli wkoll għar-raġunijiet oħrajn li ġejjin. Anki li kieku għas-saħħa tal-argument ir-rikorrenti speċifikaw "l-oriġini u x-xorta tal-pretensjoni li huma jkunu jridu jqegħdu fiż-żgur", huma naqsu milli jagħmlu prova ta' dan fuq bażi *prima facie* kif rikjest mil-liġi.

---

[9] Sottolinear ta' din il-Qorti.

Mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet li qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri r-rikorrenti qatt ma kienu qanqlu mal-intimata l-allegazzjoni tagħhom li l-ħajt inkwistjoni kif inhu mibni ma jiflaħx għal għaxar filati addizzjonali. Il-perit imqabbad mill-intimata l-**AIC Martin Xuereb** fix-xhieda tiegħu (a fol. 45 tal-proċess) ċaħad li qabel ma nbdew dawn il-proċeduri din il-kwistjoni kienet diġà tqanqlet miegħu mir-rikorrenti jew mill-perit tagħhom.

Tqis illi bħala prova *prima facie* in sostenn tal-pretensjoni tagħhom, kien mistenni li bħala minimu r-rikorrenti, li mhumiex persuni tekniċi, itellgħu bħala xhud lill-perit tagħhom l-AIC George Chetcuti, il-perit li taħt is-superviżjoni tiegħu saru x-xogħlijiet min-naħa tar-rikorrenti fuq il-ħajt inkwistjoni meta l-intimata kienet tathom permess biex inaqsu mill-ħxuna tiegħu b'disa' pulzieri.

Fin-nuqqas li jagħmlu din il-prova *prima facie* permezz tal-perit tagħhom, ir-rikorrenti ittentaw jagħmlu din il-prova permezz tal-perit tal-intimata, li fix-xhieda tiegħu għamilha ċara li l-ħajt mhuwiex se jperper għax "on the left hand side and the right hand side huwa minfud. Fin-nofs hemm ħajt tal-bricks li għadu kif inbena issa". Barraminhekk il-Perit Xuereb bħala perit tal-proġett, waqt ix-xhieda tiegħu impenja ruħu li jekk hemm xi dubju fuq l-istabbilità tal-ħajt, "li min-naħa tiegħi ma jidhirx li hemm, nistgħu nagħmlu fence fuq in-naħa ta' both sides jew nistgħu nagħmlu travu fuqu, jiġifieri din il-problema ta' periklu li jien ħadd qatt ma qalli u qatt ma kien hemm problema fuqha, jekk hemm xi problema fuqha, nistgħu sempliċement nagħmlu travu, m'hemmx problema min-naħa tagħna, jista' jinbena jiġifieri bħala stabbilità".

In vista wkoll ta' dan l-impenn li daħal għalih il-perit responsabbli mill-proġett, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti naqsu milli juru li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnhom tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti sejrin isofru preġudizzju irrimedjabbli u li huma jidhru li għandhom *prima facie* dawk il-jeddijiet pretiżi.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija din il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-Rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2015 safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

**Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

--------------------TMIEM--------------------